**Taħriġ fis-Smigħ  - Eżami Annwali 2019**

**Qari tat-Test**

Sekli ilu kien hemm żewġ aħwa li kienu joħolmu ħafna. Dawn kienu l-aħwa Wright: Orville u Wilbur. Wilbur, il-kbir, twieled fis-sittax ta' April 1867 u Orville twieled erba' snin wara. Dawn iż-żewġ inġiniera innovattivi li kibru f'Dayton, Ohio, kienu t-tfal ta' ministru. Kellhom ħafna kotba d-dar, kienu tfal kurjużi immens u jistaqsu ħafna mistoqsijiet! Il-ġugarell favorit tagħhom kien qisu ħelikopter li kien jaħdem b'lastku li jdawwar il-paletti tiegħu. Affaxxinati mill-ġugarell u l-mekkaniżmu tiegħu, l-aħwa kienu jittamaw li xi darba anke huma jibnu magna li ttir. Meta kibru, fetħu ħanut li fih kienu jsewwu u jibnu r-roti. Il-ħanut kien jismu Wright Cycle. Sadattant, l-interess fit-titjiriet kien kiber ġmielu, speċjalment fil-gliders, u allura qatgħuha li jibdew jaħdmu fuq il-bini t'ajruplan. L-esperimenti tagħhom bdewhom fuq it-tajriet — kienu jaraw kif itiru, kemm jitilgħu 'l fuq u jekk daqsijiet u forom differenti jagħmlux differenza fit-titjira. Fis-sbatax ta' Diċembru tal-1903 ħolqu l-ewwel ajruplan li kien itqal mill-arja; ajruplan li stajt tiggwidah ukoll. Din kienet ħaġa perikoluża immens għax l-ajruplan seta' jaqa' u jweġġgħu n-nies. Ippruvaw ħafna u ħafna forom differenti, ngħidu aħna ajruplani b'ġwenħajn diversi u bnew mina tar-riħ biex jaraw kif itir ajruplan bi ġwienaħ differenti. L-ewwel titjira tagħhom kienet f'North Carolina. Sal-1905 kienu bnew ajruplan tajjeb ħafna. Kienu se jtiru bil-ferħ! Imma komplew ibiddlu u jirranġaw id-disinn tagħhom, u l-aħbar tal-ajruplan xerrduha mal-erbat irjieħ tad-dinja. Fl-1908 u wara baqgħu jibnu l-ajruplani biex iżommu r-reputazzjoni tajba u l-fama tagħhom. Kieku qatt ma ivvintaw l-ajruplan, forsi llum għadna ntiru f'ballun tal-arja!